SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

7 ta’ Novembru 2024*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Direttiva 2004/80/KE – Artikolu 12(2) – Skemi nazzjonali ta’ kumpens tal-vittmi ta’ kriminalità intenzjonali vjolenti – Reat ta’ omiċidju – Kumpens għall-membri tal-familja viċini tal-persuna mejta – Kunċett ta’ ‘vittmi’ – Skema ta’ kumpens ‘f’kaskata’ skont l-ordni ta’ trasferiment tas-suċċessjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-ħlas ta’ kumpens lill-membri l-oħra tal-familja tal-persuna mejta fil-preżenza ta’ wlied u ta’ konjuġi superstiti – Ġenituri u aħwa tal-persuna mejta – Kumpens ‘ġust u xieraq’”

Fil-Kawża C-126/23 [Burdene] [1],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale Ordinario di Venezia (il-Qorti Distrettwali ta’ Venezia, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tal-15 ta’ Frar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta’ Marzu 2023, fil-proċedura

UD,

QO,

VU,

LO,

CA

vs

Presidenza del Consiglio dei Ministri

Ministero dell’Interno

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tar-Raba’ Awla, li qed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, D. Gratsias u E. Regan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

[1] L-isem ta’ din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Reġistratur: C. Di Bella, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Frar 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal QO u UD, minn G. Sicchiero, avvocato,

– għal LO u VU, minn G. Bergamo, F. Sicchiero u G. Sicchiero, avvocati,

– għal CA, minn E. Pertile u G. Sicchiero, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn E. De Bonis, S. Fiorentino u G. Palatiello, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Montaguti u S. Noë, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kupens għal vittmi ta' delitti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65), kif ukoll tal-Artikoli 20 u 21 u tal-Artikolu 33(1) u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-ġenituri, l-oħt u l-ulied ta' vittma ta' omiċidju u, min-naħa l-oħra, il-Presidenza del Consiglio dei Ministri (il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, l-Italja) u l-Ministero dell'Interno (il-Ministeru għall-Intern, l-Italja) fir-rigward tal-kumpens għad-danni mill-Istat Taljan, minħabba l-insolvenza tal-awtur ta' dan l-omiċidju, tad-dannu li huma ġarrbu minħabba f'dan.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI

3 Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 72), intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni kwadru:

(a) 'vittma' għandha tfisser persuna fiżika li tkun sofriet danni, inkluż ħsara fiżika jew mentali, tbatija emozzjonali jew telf ekonomiku, kawżati direttament minn atti jew ommissjonijiet li bi ksur tal-liġi kriminali ta' Stat Membru;

[…]"

Id-Direttiva 2004/80

4 Il-premessi 5 u 10 tad-Direttiva 2004/80 huma fformulati kif ġej:

"(5) Fil-15 ta' Marzu 2001 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Qafas 2001/220/JHA […]. Din id-Deċiżjoni, ibażata fuq it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tippermetti lill-vittmi tad-delitti li jippretendu kumpens minn min iwettaq id-delitt fil-kors ta' proċeduri kriminali.

[…]

(10) Vittmi tad-delitti ħafna drabi ma jkunux jistgħu jiksbu kumpens minn min iwettaq id-delitt, minħabba li dak li jwettaq id-delitt jista' ma jkollux il-mezzi meħtieġa biex jissodisfa ġudizzju fuq ħsarat jew minħabba li dak l-jwettaq id-delitt ma jkunx jista' jiġi identifikat jew mixli."

5 Il-Kapitolu II ta' din id-direttiva, intitolat "Skemi nazzjonali dwar il-kumpens", jinkludi l-Artikolu 12, li jipprevedi:

"1. Ir-regoli dwar aċċess għal kumpens f'sitwazzjonijiet ta' qsim il-fruntiera mfassla minn din id-Direttiva għandhom joperaw fuq il-bażi ta' skemi ta' l-Istati Membri fuq kumpens għal vittmi ta' delitti vjolenti internazzjonali [intenzjonali] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta' skema ta' kumpens lil vittmi ta' delitti vjolenti internazzjonali kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens bil-fier u xieraq għal vittmi."

6 Fi ħdan il-Kapitolu III tal-imsemmija direttiva, intitolat "Disposizzjonijiet ta' Implimentazzjoni", l-Artikolu 17 tagħha, li min-naħa tiegħu huwa intitolat "Disposizzjonijiet aktar favorevoli", jipprovdi:

"Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri, sakemm u safejn dawn id-dispożizzjonijiet huma kompatibbli ma' din id-Direttiva, milli:

(a) jintroduċu jew iżżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għall-benefiċċju ta' vittmi tad-delitt jew kull persuna oħra affettwata mid-delitt;

(b) jintroduċu jew iżżommu dispożizzjonijiet għall-għan ta' kumpens ta' vittmi tad-delitti kommessi barra mit-territorju tagħhom, jew kull persuna oħra affettwata minn dan id-delitt, bla ħsara għal kull kondizzjoni li l-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw għal dak il-għan."

Id-Direttiva 2012/29/UE

7 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU 2012, L 315, p. 57), jipprevedi:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'vittma' tfisser:
   i) persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali;
   ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna;

(b) 'membri tal-familja' tfisser wieħed mill-konjuġi, il-persuna li qed tgħix mal-vittma f'relazzjoni intima, f' dar konġuntau impenjata fuq bażi stabbli u kontinwa, il-qraba diretti, l-aħwa, u d-dipendenti tal-vittma;

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri:

(a) biex jillimitaw l-għadd ta' membri tal-familja li jistgħu jgawdu mid-drittijiet taħt din id-Direttiva b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali ta' kull każ; u

(b) fir-rigward tal-paragrafu 1(a)(ii), biex jiddeterminaw liema membri tal-familja għandhom prijorità fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva."

Id-dritt Taljan

8 L-Artikolu 11 tal-Legge n. 122 – Disposizioni per l'adempimento degli obblighi derivanti dall'appartenenza dell'Italia all'Unione europea – Legge europea 2015–2016 (il-Liġi Nru 122 dwar id-Dispożizzjonijiet għat-Twettiq tal-Obbligi li Jirriżultaw mill-Appartenenza tal-Italja fl-Unjoni Ewropea – Liġi Ewropea 2015-2016), tas-7 ta' Lulju 2016 (GURI Nru 158, tat-8 ta' Lulju 2016,

p. 1), kif emendata bl-Artikolu 6 tal-Liġi Nru 167 tal-20 ta' Novembru 2017 u l-Artikolu 1(593) sa (596) tal-Liġi Nru 145 tat-30 ta' Diċembru 2018 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 122/2016"), jipprovdi:

"1. Bla ħsara għall-miżuri favur vittmi ta' reati previsti f'dispożizzjonijiet legali oħra iktar favorevoli, il-vittma ta' reat intenzjonali mwettaq bi vjolenza fuq il-persuna tagħha, u fi kwalunkwe każ tar-reat previst fl-Artikolu 603 *bis* tal-codice penale [(il-Kodiċi Kriminali)], bl-eċċezzjoni tar-reati previsti fl-Artikoli 581 u 582, ħlief fil-każ ta' ċirkustanzi aggravanti previsti fl-Artikolu 583 tal-Kodiċi Kriminali, għandha d-dritt għall-kumpens mingħand l-Istat.

2. Il-kumpens għad-delitti ta' omiċidju, ta' aggressjoni sesswali jew ta' grieħi u feriti gravi ħafna, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 583 tal-Kodiċi Kriminali, […] jingħata lill-vittma jew lill-aventi kawża elenkati fil-paragrafu 2 *bis*, skont l-iskala ddeterminata bid-digriet previst fil-paragrafu 3. Fir-rigward ta' reati minbarra dawk imsemmija hawn fuq, il-kumpens għandu jitħallas minflok għar-rimbors ta' spejjeż ta' kura medika.

2 *bis*. Jekk il-vittma tmut b'riżultat tad-delitt, il-kumpens jingħata lill-konjuġi superstiti u lill-ulied; jew fin-nuqqas ta' konjuġi u ta' wlied, lill-missier u lill-omm; jew, fin-nuqqas tal-missier jew tal-omm, lill-aħwa koabitanti dipendenti fuq il-vittma fil-mument li fih twettaq ir-reat. […]

2 *ter*. Jekk diversi aventi kawża jistgħu jitolbu l-kumpens, dan jinqasam skont l-ishma previsti mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Tieni Ktieb tal-codice civile [(il-Kodiċi Ċivili)].

3. L-ammonti tal-kumpens huma ddeterminati minn digriet tal-Ministro dell'interno [(il-Ministru għall-Intern, l-Italja)] u tal-Ministro della giustizia [il-Ministru għall-Ġustizzja, (l-Italja)], flimkien mal-Ministro dell'economia e delle finanze [(il-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi, l-Italja)], li għandu jiġi adottat fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, fil-limiti tal-fondi li għandu l-[Fondo di rotazione per la solidarieta' alle vittime dei reati di tipo mafioso, delle richieste estorsive, dell'usura e dei reati intenzionali violenti (il-Fond Rotanti għas-Solidarjetà lejn il-Vittmi ta' Atti tal-Mafja, ta' Atti ta' Estorsjoni, ta' Użura u ta' Kriminalità Intenzjonali Vjolenti, l-Italja, iktar 'il quddiem il-"Fond ta' Solidarjetà")] previst fl-Artikolu 14, b'mod li jiġi żgurat kumpens ikbar għall-vittmi ta' aggressjoni sesswali u ta' omiċidju u, b'mod partikolari, lill-ulied tal-vittma fil-każ ta' omiċidju mwettaq mill-konjuġi, anki sseparat jew iddivorzjat, jew minn persuna li hija jew kienet f'relazzjoni mal-vittma."

9 Adottat b'eżekuzzjoni tal-Artikolu 11(3) tal-Liġi Nru 122/2016, l-Artikolu 1(1)(b) tad-decreto ministeriale – Determinazione degli importi dell'indennizzo alle vittime dei reati intenzionali violenti (id-Digriet Ministerjali dwar id-Determinazzjoni tal-Ammonti tal-Kumpens għall-Vittimi ta' Reati Intenzjonali Vjolenti), tat-22 ta' Novembru 2019 (GURI Nru 18, tat-23 ta' Jannar 2020, p. 9, iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali ta' Eżekuzzjoni"), jipprevedi:

"fil-każ ta' omiċidju mwettaq mill-konjuġi, anki sseparat jew iddivorzjat, jew minn persuna li hija jew kienet f'relazzjoni mal-vittma, ammont fiss ta' EUR 60 000, esklużivament favur l-ulied tal-vittma".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Fit-18 ta' Settembru 2018, it-Tribunale di Padova (il-Qorti Distrettwali ta' Padova, l-Italja) ikkundannat lill-awtur tal-omiċidju tal-ex sieħba tiegħu, imwettaq fl-Italja, għal piena ta' priġunerija ta' 30 sena u ordnat li huwa jħallas kumpens provviżorju lill-membri tal-familja

tal-vittma li kienu partijiet ċivili. Għalhekk, hija allokat EUR 400 000 lil kull wieħed miż-żewġ ulied tal-vittma, EUR 120 000 lil missierha, lil ommha u lil oħtha kif ukoll EUR 30 000 lill-konjuġi tagħha, li minnu hija kienet isseparata, iżda mhux iddivorzjata.

11 Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li l-awtur tal-omiċidju la kellu patrimonju u lanqas dħul u kien ingħata għajnuna legali bla ħlas, l-Istat Taljan ħallas biss kumpens ta' EUR 20 000 lil kull wild, filwaqt li l-konjuġi sseparat ingħata kumpens ta' EUR 16 666.66.

12 Fl-1 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-ġenituri, oħt u wlied il-vittma, billi qiesu li l-Liġi Nru 122/2016 kienet introduċiet, bi ksur tad-Direttiva 2004/80, limitazzjonijiet sinjifikattivi dwar il-ħlas ta' kumpens lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, ippreżentaw rikors quddiem it-Tribunale Ordinario di Venezia (il-Qorti Distrettwali ta' Venezia, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju.

13 It-talbiet tagħhom huma intiżi, wara li l-applikazzjoni tad-Digriet Ministerjali ta' Eżekuzzjoni kienet eskluża minħabba l-illegalità tiegħu, sabiex jiġu ffissati l-ammonti li għandhom jitħallsu lilhom bħala kumpens, minħabba r-rabta familjari tagħhom mal-vittma tal-omiċidju, b'mod "ġust u xieraq" fis-sens tal-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva, billi jittieħed inkunsiderazzjoni – wara li jitnaqqas, għal dak li jirrigwarda l-ulied ta' din il-vittma, l-ammont diġà mħallas lilhom – il-grad tad-dannu stabbilit mis-sentenza li tikkundanna lill-awtur ta' dan l-omiċidju, u dan anki jekk il-Fond ta' Solidarjetà ma jkollux ir-riżorsi finanzjarji neċessarji. Sussidjarjament, dawn ir-rikorrenti jitolbu l-kundanna tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, li tirrappreżenta lill-Istat Taljan, għall-ħlas tal-istess ammonti bħala kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-implimentazzjoni inkorretta tad-Direttiva 2004/80, b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tagħha.

14 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jargumentaw li l-limitazzjoni stabbilita mill-Artikolu 11(2 *bis*) tal-Liġi Nru 122/2016, li jipprevedi r-rikonoxximent tal-kumpens, lill-ġenituri tal-vittma, fl-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied biss, u, lill-aħwa, fl-assenza ta' persuni li jappartjenu lill-kategoriji msemmija preċedentement biss, tikser l-obbligu ta' kumpens previst fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80, sa fejn hija tidentifika, fost il-persuni leżi li lilhom huwa rrikonoxxut b'mod astratt id-dritt għal kumpens, dawk li għandhom jiġu kkumpensati b'mod konkret, b'mod arbitrarju mingħajr referenza għall-kriterji xierqa u ekwi tal-każ inkwistjoni. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-kumpens kien ingħata wkoll lill-konjuġi superstiti tal-vittma tal-omiċidju li minnu kienet ilha sseparata mis-sena 2006, kważi ħdax-il sena qabel mewtha. Għalhekk, id-dritt għal kumpens ikun irrikonoxxut ukoll, minkejja li r-relazzjoni manifestament iddgħajfet sal-punt li tkun kważi ineżistenti.

15 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-ammont ta' EUR 20 000 mogħti lill-ulied tal-vittma ta' omiċidju skont id-Digriet Ministerjali ta' Eżekuzzjoni, li jikkorrispondi għal 5 % tal-ammont provviżorju mogħti permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma jidhirx li huwa konformi ma' dak li ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 69 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566), li jipprovdi li kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa mogħti taħt skema nazzjonali ta' kumpens tal-vittmi ta' kriminalità intenzjonali vjolenti għandu, sabiex jiġi kklassifikat bħala "ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, jirrappreżenta kontribuzzjoni xierqa għall-kumpens għad-dannu materjali u morali mġarrab.

16 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jqisu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija wkoll illegali sa fejn hija tissuġġetta l-ħlas tal-kumpens għall-kundizzjoni li l-Istat ikun irriżerva l-fondi li jippermettu li jingħata kumpens, li jmur kontra l-premessa 10 tad-Direttiva 2004/80.

17 L-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw li l-iffissar tal-ammont tal-kumpens għal dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni tal-ulied twettaq f'osservanza stretta tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, filwaqt li ttieħdu inkunsiderazzjoni l-mezzi ta' għajxien tal-konjuġi superstiti. Huma jfakkru wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja, wara li indikat, fil-punt 58 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566), li l-Istati Membri għandhom marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-kumpens previst fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, ikkunsidrat, fil-punti 65 u 69 ta' dik is-sentenza, li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa għal vittmi, iżda teħtieġ biss li dan il-kumpens ikun "ġust u xieraq", li jimplika li dan ikun jirrappreżenta kontribuzzjoni xierqa għall-kumpens tad-dannu materjali u morali mġarrab mill-vittma.

18 Il-qorti tar-rinviju tqis li, sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tat-talba għad-danni li biha hija adita, ibbażata fuq it-traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 2004/80, għandu, preliminarjament, jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif tirriżulta mill-Artikolu 11(2 *bis*), (2 *ter*) u (3) tal-Liġi Nru 122/2016, hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

19 Dik il-qorti tirrileva li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tissuġġetta, anki meta sentenza definittiva tistabbilixxi, favur ċerti membri tal-familja, dritt għall-kumpens tad-danni tagħhom u l-ammont tiegħu, il-ħlas tal-kumpens, għal dak li jirrigwarda l-ġenituri tal-vittma tar-reat ta' omiċidju, għall-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied ta' din il-vittma u, għal dak li jirrigwarda l-aħwa tal-vittma, għall-assenza tal-missier u tal-omm, u sakemm kienu jikkoabitaw mal-vittma u kienu dipendenti fuqha fil-mument li fih twettaq ir-reat, tinjora l-aspett mhux pekunjarju tat-tbatija marbuta mat-telfa vjolenti tal-vittma.

20 Fir-rigward tal-konjuġi superstiti u tal-ulied, l-imsemmija qorti tosserva li l-portata tad-dannu mġarrab ma ttieħditx inkunsiderazzjoni. Għalhekk, f'dan il-każ, ma tingħata ebda importanza lill-fatt li l-konjuġi superstiti kien ilu ċertu żmien isseparat mill-vittma, peress li kien previst biss tqassim tal-kumpens abbażi tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tas-suċċessjoni, suġġett għal fondi suffiċjenti tal-Fond ta' Solidarjetà. Għaldaqstant, bi ksur tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566), ma ttieħditx inkunsiderazzjoni l-gravità tal-konsegwenzi tal-att għall-vittmi. Barra minn hekk, il-kumpens favur l-ulied kien iffissat għal ammont li jikkorrispondi ħafna mal-ammont mogħti lill-konjuġi superstiti, li ma huwa proporzjonat xejn mal-ammont tal-kumpens provviżorju ffissat fil-kuntest tal-proċedura kriminali u ma kien jieħu inkunsiderazzjoni ebda wieħed mill-kriterji normalment applikati fil-qasam ta' telf tar-rabta familjari, bħall-età tal-vittma, l-età tas-superstiti, il-grad ta' qrubija u ta' koabitazzjoni, bil-possibbiltà li jiġu applikati korrezzjonijiet għall-ammont finali skont il-partikolaritajiet tas-sitwazzjoni. Għalhekk, l-ammont mogħti lill-ulied f'dan il-każ ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa "ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale Ordinario di Venezia (il-Qorti Distrettwali ta' Venezia) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

> "[(1)] [F]id-dawl tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 11(2 *bis*) tal-[Liġi Nru 122/2016], li tissuġġetta l-ħlas ta' kumpens lill-ġenituri u lil oħt il-vittma ta' omiċidju, għan-nuqqas ta' konjuġi u ta' wlied tal-vittma stess, anki meta jkun hemm sentenza li tkun saret r*es judicata* li tikkwantifika anki favurihom id-dritt għal kumpens għad-dannu impost fuq l-awtur tar-reat:

– il-fatt li l-ħlas ta' kumpens stabbilit favur il-ġenituri u oħt vittma tar-reati vjolenti intenzjonali jkun issuġġettat għan-nuqqas ta' wlied u ta' konjuġi ta' din tal-aħħar (fir-rigward tal-ġenituri) u għan-nuqqas ta' ġenituri (fir-rigward tal-aħwa), kif jipprovdi, fil-każ ta' omiċidju, l-Artikolu 11(2 *bis*) tal-[Liġi Nru 122/2016] huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 kif ukoll mal-Artikoli 20 (ugwaljanza) u 21 (nondiskriminazzjoni), mal-Artikolu 33(1) (protezzjoni tal-familja) u mal-Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950] (nondiskriminazzjoni)?

[(2)] [F]id-dawl tal-limitu tal-ħlas tal-kumpens:

– kumpens li mal-ħlas tiegħu hemm marbuta r-riżerva stabbilita fl-Artikolu 11(3) tal-[Liġi Nru 122/2016], li tikkonsisti fil-formola 'fil-limiti tal-fondi li jiddisponi minnhom il-[Fond ta' Solidarjetà]', mingħajr ebda dispożizzjoni li timponi fuq l-Istat Taljan li jirriżerva somom li jkunu konkretament suffiċjenti biex jippermettu l-kumpens, anki determinati fuq bażi statistika u li f'kull każ ikunu konkretament suffiċjenti biex jippermettu l-kumpens tal-aventi kawża f'terminu raġjonevoli, jista' jitqies bħala 'kumpens bil-fier u xieraq għal vittmi' fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80?"

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

22 Il-Gvern Taljan għandu dubji dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari għar-raġuni li l-kawża prinċipali tirrigwarda sitwazzjoni li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/80. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju ma eżaminatx il-kwalità ta' "vittmi" tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fis-sens tad-Direttiva 2004/80. Issa, fil-kuntest ta' din id-direttiva, il-kunċett ta' "vittmi" għandu jinftiehem bħala li jirreferi biss għall-persuna direttament leża mill-kriminalità intenzjonali vjolenti. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn testendi l-kunċett ta' "vittmi" għal ċerti membri tal-familja viċini tal-vittma ta' omiċidju, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Istati Membri.

23 Barra minn hekk, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni Ewropea jikkunsidraw li t-tieni domanda hija inammissibbli. Fil-fatt, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi l-ebda element li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja tal-Fond ta' Solidarjetà prevista mid-dritt nazzjonali effettwatx id-determinazzjoni tal-ammonti ta' kumpens iffissati fil-forma ta' somma f'daqqa minnha. Barra minn hekk, għalkemm il-qorti tar-rinviju tqis li l-ammont ta' kumpens mogħti, f'dan il-każ, lill-ulied tal-vittma tal-omiċidju huwa insuffiċjenti, xorta jibqa' l-fatt li hija la pprovdiet ebda element insostenn ta' din l-evalwazzjoni u lanqas ma talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar dan il-punt.

24 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li ż-żewġ domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/80, b'mod partikolari, tal-Artikolu 12(2) tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal dawn id-domandi.

26 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-ammissibbiltà ta' dawn id-domandi, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, liema kuntest ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi utilment għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-11 ta' April 2024, Sozialministeriumservice, C-116/23, EU:C:2024:292, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Fir-rigward tal-ewwel domanda, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-kwistjoni dwar jekk, fil-każ ta' omiċidju, il-kunċett ta' "vittmi", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, għandux ikun jista' jinkludi l-membri tal-familja viċini tal-persuna li tkun mietet minħabba l-kriminalità intenzjonali vjolenti, taqa' taħt il-mertu tad-domanda magħmula u mhux taħt l-ammissibbiltà tagħha.

28 Fir-rigward tat-tieni domanda, għandu jitfakkar li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-kumpens mogħti minn dan tal-aħħar lill-vittma tal-kriminalità intenzjonali vjolenti għandu jitħallas lilha fil-limiti ta' limitu massimu li jirriżulta mill-baġit allokat minn dan l-Istat Membru lil fond speċjali stabbilit għal dan l-għan.

29 Issa, għandu jiġi kkonstatat li la mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżulta li dan il-limitu massimu kien affettwa l-ammont tal-kumpensi mogħtija, fil-kawża prinċipali, mill-Istat Taljan. Barra minn hekk, għalkemm, kif jirriżulta mill-punt 20 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju indikat, f'din id-deċiżjoni, li l-ammont tal-kumpens mogħti, f'dan il-każ, lill-ulied tal-persuna mejta ma huwiex, fil-fehma tagħha, suffiċjenti sabiex jikkostitwixxi kumpens "ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, hija ma għamlet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif osservat ġustament il-Kummissjoni, l-ebda domanda preliminari f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, din il-qorti ma pprovdiet ebda element ta' dritt nazzjonali li jippermetti li jinftiehmu iktar il-modalitajiet ta' funzjonament tal-fond speċjali previst minnu.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li t-tieni domanda hija ipotetika u, għaldaqstant, inammissibbli.

31 Għaldaqstant, għandha tingħata risposta biss għall-ewwel domanda.

Fuq l-ewwel domanda

32 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi skema ta' kumpens tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li tissuġġetta, fil-każ ta' omiċidju, id-dritt għall-kumpens tal-ġenituri tal-persuna mejta għall-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied ta' din tal-aħħar u dak tal-aħwa tagħha għall-assenza tal-imsemmija ġenituri.

33 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta' skema ta' kumpens lil vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens ġust u xieraq għal dawn il-vittmi.

34 Kif jirriżulta mis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri (C-129/19, EU:C:2020:566, punti 41 sa 45 u 52), din id-dispożizzjoni timponi għalhekk fuq kull Stat Membru l-obbligu li jkollu skema ta' kumpens tal-vittmi tar-reati kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tiegħu, irrispettivament minn jekk dawn il-vittmi jkunux jinsabu jew le f'sitwazzjoni transkonfinali, u dan, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonformaw ruħhom mal-obbligi tagħhom dwar l-aċċess għall-kumpens f'din l-aħħar sitwazzjoni, kif jirriżultaw minn din id-direttiva, sa fejn, skont l-Artikolu 12(1) tagħha, id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal kumpens f'sitwazzjoni transkonfinali "joperaw fuq il-bażi ta' skemi ta' l-Istati Membri fuq kumpens għal vittmi ta' delitti vjolenti internazzjonali kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom".

35 Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, għandu, qabel kollox, jiġi ddeterminat jekk, fil-każ ta' omiċidju, il-"vittmi" tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li għall-benefiċċju tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, skema nazzjonali ta' kumpens, għandhomx jinkludu, minbarra l-persuna li tkun mietet minħabba din il-kriminalità, il-membri tal-familja viċini tagħha, bħalma huma l-ġenituri tagħha kif ukoll ħutha, u sussegwentement, fl-affermattiv, jekk skema nazzjonali ta' kumpens "f'kaskata" skont l-ordni ta' trasferiment tas-suċċessjoni, bħal dik imsemmija fil-punt 32 ta' din is-sentenza, tistax titqies li tiggarantixxi lil dawn il-vittmi kumpens "ġust u xieraq", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

36 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kunċett ta' "vittmi", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, peress li la din id-dispożizzjoni u lanqas din id-direttiva ma jinkludu definizzjoni ta' dan il-kunċett u l-imsemmija dispożizzjoni ma tagħmel ebda riferiment għad-drittijiet nazzjonali fir-rigward tat-tifsira li għandha tingħata lil dan il-kunċett, l-imsemmi kunċett, li huwa intiż li jiddetermina l-persuni benefiċjarji tal-iskemi nazzjonali ta' kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali, għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar konformement mas-sens abitwali tal-kelma inkwistjoni fil-lingwaġġ ta' kuljum, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti u l-kuntest li fih jintuża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, KRI, C-323/22, EU:C:2023:641, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fir-rigward, l-ewwel nett, tas-sens abitwali tal-kelma "vittmi" fil-lingwaġġ ta' kuljum, għandu jiġi kkonstatat li din tista' tinftiehem bħala li tkopri kemm il-persuni li, huma stess, kienu suġġetti għall-kriminalità intenzjonali vjolenti, fil-kwalità tagħhom ta' vittmi diretti, kif ukoll il-membri tal-familja viċini tagħhom meta huma jġarrbu, indirettament, il-konsegwenzi ta' din il-kriminalità, fil-kwalità tagħhom ta' vittmi indiretti.

38 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-għan imfittex mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiggarantixxi liċ-ċittadin tal-Unjoni d-dritt għal kumpens ġust u xieraq għad-dannu li huwa jġarrab fit-territorju ta' Stat Membru li huwa jkun jinsab fih, billi timponi fuq kull Stat Membru l-obbligu li jistabbilixxi skema ta' kumpens tal-vittmi għar-reati kollha li jaqgħu taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2016, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-601/14, EU:C:2016:759, punt 45).

39 Għalkemm l-Istati Membri għandhom, bħala prinċipju, il-kompetenza sabiex jippreċiżaw il-portata tal-kunċett ta' kriminalità intenzjonali vjolenti fid-dritt intern tagħhom, din il-kompetenza ma tawtorizzahomx madankollu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' kumpens tal-vittmi, li l-Istati Membri għandu jkollhom konformement ma' din id-direttiva, għal uħud biss mir-reati li jaqgħu taħt dan il-kunċett, mingħajr ma jċaħħdu l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 mill-effett utli tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2016, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-601/14, EU:C:2016:759, punt 46).

40 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, jekk il-kunċett ta' "vittmi", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, kellu jiġi interpretat, kif isostni l-Gvern Taljan, bħala li jinkludi esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' din id-dispożizzjoni l-vittmi diretti tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, allura r-reati li jaqgħu taħt din il-kriminalità li wasslu għall-mewt tal-persuna li kienet suġġetta għalihom ma jkunux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmija dispożizzjoni, bi ksur tal-għan tagħha.

41 Fil-fatt, skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 issuġġerita mill-Gvern Taljan, fil-każ ta' omiċidju, l-Istat Membru kkonċernat ma jkun obbligat iħallas ebda kumpens taħt l-iskema nazzjonali ta' kumpens li din id-dispożizzjoni timponilu li jistabbilixxi, peress li, f'tali każ, peress li l-unika "vittma" tal-kriminalità intenzjonali vjolenti tkun mietet, l-ebda persuna oħra, bħal, b'mod partikolari, il-konjuġi superstiti jew l-ulied, ma jkollha, bħala prinċipju, tiġi kkumpensata f'din l-istess kwalità.

42 Tali interpretazzjoni twassal sabiex l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu, peress li din timponi fuq l-Istati Membri l-istabbiliment ta' skema nazzjonali ta' kumpens tal-kriminalità intenzjonali vjolenti biss meta l-persuna li tkun ġiet suġġetta għal din il-kriminalità tfieq mill-feriti tagħha, iżda mhux meta din il-persuna tmut minħabba fihom.

43 F'dan ir-rigward, għandu wkoll jiġi rrilevat li l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-Kumpens lil Vittmi tal-Kriminalità [COM(2002) 562 final] (ĠU 2003, C 45 E, p. 69), li kienet intiża mhux biss sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-kumpens f'sitwazzjonijiet fejn ir-reat ikun twettaq fi Stat Membru differenti minn dak fejn tirrisjedi l-vittma, iżda wkoll li tistabbilixxi regoli minimi fil-qasam tal-kumpens tal-vittmi tal-kriminalità, kienet tipprevedi espliċitament, fl-Artikolu 2(1)(b), li jinsab fil-parti tad-direttiva li tistabbilixxi dawn ir-regoli minimi, l-obbligu għall-Istati Membri li jikkumpensaw lill-"membri tal-familja viċini" [traduzzjoni mhux uffiċjali] kif ukoll lill-"persuni dipendenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] tal-vittmi li mietu minħabba l-feriti tagħhom.

44 Għalkemm huwa minnu li tali preċiżazzjoni ma tinsabx fid-Direttiva 2004/80, mix-xogħol preparatorju ta' din id-direttiva, b'mod partikolari mill-proposta ta' kompromess ippreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill fis-26 ta' Marzu 2004 (Dokument 7752/04), jirriżulta li dan huwa dovut għas-sempliċi fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma segwiex il-proposta relatata ma' dan it-tieni għan, li jikkonsisti fl-istabbiliment ta' regoli minimi fil-qasam tal-kumpens tal-vittmi

tal-kriminalità. Għalhekk, dan il-fatt bl-ebda mod ma jfisser li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jeskludi kompletament mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' din id-direttiva lill-membri tal-familja viċini tal-persuna li tkun mietet minħabba att li jaqa' taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti u jċaħħad, minħabba f'hekk, minn kull protezzjoni l-persuni li madankollu jkunu ppreġudikati minn tali att.

45 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kuntest li jidħol fih l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80.

46 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2012/29, li tikkonċerna, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, tiddefinixxi l-kunċett ta' "vittmi", fl-Artikolu 2(1)(a) tagħha, bħala li jinkludi, minbarra l-persuni li huma stess ġarrbu dannu kkawżat minn reat kriminali, il-membri tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha tirriżulta direttament minn tali reat kriminali u li ġarrbu dannu minħabba l-mewt ta' din il-persuna, filwaqt li l-kunċett ta' "membri tal-familja", skont il-paragrafu 1 (b) ta' dan l-Artikolu 2, jirreferi, min-naħa tiegħu, għall-konjuġi, il-persuna li hija impenjata f'relazzjoni intima, stabbli u kontinwa mal-vittma u li tgħix magħha, għall-ġenituri f'linja diretta, għall-aħwa kif ukoll għall-persuni dipendenti tal-vittma.

47 Skont ix-xogħlijiet preparatorji relatati mad-Direttiva 2012/29, kif jirriżultaw mill-espożizzjoni tal-motivi dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità [COM(2011) 275 final, p. 7], din id-definizzjoni tal-kunċett ta' "vittmi" hija ġġustifikata mill-kunsiderazzjoni li l-membri tal-familja jġarrbu wkoll dannu minħabba r-reat imwettaq u, fil-każ ta' mewt tal-vittma, spiss jitqiesu bħala rappreżentanti tagħha.

48 Issa, għandu jiġi kkunsidrat li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "vittmi" stabbilita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2012/29 tiċċara l-portata ta' dan l-istess kunċett, kif jidher fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80. Fil-fatt, kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-paġna 3 tal-espożizzjoni tal-motivi ċċitata fil-punt preċedenti, id-Direttiva 2012/29 għandha l-għan li tiddefinixxi l-"qafas orizzontali intiż li jissodisfa l-bżonnijiet tal-vittmi kollha tal-kriminalità" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Sa fejn id-Direttivi 2004/80 u 2012/29 jirrigwardaw il-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, huma għandhom għalhekk, kif jirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2004/80, kampijiet ta' applikazzjoni li jikkoinċidu.

49 Waqt is-seduta, il-Gvern Taljan madankollu sostna li din il-premessa 5 ma tagħmilx riferiment għad-Direttiva 2012/29, li ġiet adottata sussegwentement għad-Direttiva 2004/80, iżda tagħmel riferiment għad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li, għalkemm ġiet issostitwita bid-Direttiva 2012/29, kienet l-att fis-seħħ meta ġiet adottata d-Direttiva 2004/80. Issa, l-Artikolu 1(a) ta' din id-deċiżjoni qafas jiddefinixxi l-kunċett ta' "vittma" bħala li jkopri biss il-vittmi diretti ta' reat kriminali. Peress li d-Direttiva 2012/29 ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 82(2) TFUE skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja b'maġġoranza kkwalifikata, hija ma jistax ikollha l-effett li temenda d-Direttiva 2004/80, li ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 352 TFUE skont ir-regola tal-unanimità. Ir-riferiment magħmul mill-premessa 5 tad-Direttiva 2004/80 għad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 għandu għalhekk jitqies bħala li jeskludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-iżviluppi leġiżlattivi sussegwenti li affettwawha.

50 Issa, minn naħa, għandu jiġi osservat li dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "vittma" li tinsab fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 kienet teskludi diġà neċessarjament il-vittmi indiretti ta' reat kriminali. Fil-fatt, għalkemm, ċertament, din id-dispożizzjoni kienet teżiġi, sabiex persuna titqies li għandha l-kwalità ta'

"vittma" ta' reat kriminali, li d-dannu mġarrab minn din il-persuna jkun ikkawżat direttament minn tali reat, din bl-ebda mod ma kienet teżiġi li l-imsemmija persuna tkun ġiet issuġġettata, hija stess, direttament għal dan ir-reat.

51 Min-naħa l-oħra, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-imsemmi argument, sa fejn huwa bbażat fuq il-bażi legali tad-Direttiva 2012/29, huwa irrilevanti, peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, din id-direttiva hija intiża li tistabbilixxi l-qafas ġenerali tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-vittmi tal-kriminalità.

52 F'dan ir-rigward, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "vittma" li tinsab fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2012/29 għandha tinftiehem bħala li għandha l-uniku għan li tiċċara l-portata ta' dik li tinsab fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li għaliha tagħmel riferiment id-Direttiva 2004/80. Għaldaqstant, din id-definizzjoni ma tbiddilx il-portata tal-kunċett ta' "vittma", kif jinsab fl-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva.

53 L-interpretazzjoni li tirriżulta mill-punti 38 sa 48 ta' din is-sentenza lanqas ma tista' tiġi kkontestata, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Taljan, mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/80, li jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar favorevoli mhux biss għall-"vittmi" ta' reati, iżda wkoll għal "kull persuna oħra affettwata" minn dawn ir-reati. Fil-fatt, din l-aħħar kategorija ma tistax tinftiehem bħala li tikkoinċidi neċessarjament mal-membri tal-familja viċini tal-persuna li tkun mietet minħabba att li jaqa' taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, peress li dawn jista' preċiżament ikollhom, huma stess, il-kwalità ta' "vittmi" koperti minn din id-direttiva.

54 L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/80, li jagħmel parti mill-Kapitolu III ta' din id-direttiva dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, jippermetti għalhekk lill-Istati Membri, meta jimplimentaw l-iskema nazzjonali tagħhom ta' kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, li jestendu l-kategorija tal-benefiċjarji ta' din l-iskema għal persuni li ma humiex il-"vittmi", fis-sens tal-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva.

55 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-kunċett ta' "vittmi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li favur tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skont l-imsemmija dispożizzjoni, skema nazzjonali ta' kumpens, għandu jinftiehem bħala li jista' jinkludi vittmi indiretti ta' att li jaqa' taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, bħalma huma l-membri tal-familja viċini tal-persuna li vmietet minħabba din il-kriminalità, meta huma jġarrbu, indirettament, il-konsegwenzi tagħha.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu, fit-tieni lok, jiġi eżaminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ ta' omiċidju, tissuġġetta d-dritt għall-kumpens tal-ġenituri tal-persuna li tkun mietet minħabba att li jaqa' taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti għall-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied ta' din tal-aħħar u d-dritt għall-kumpens tal-aħwa ta' din il-vittma għall-assenza tal-imsemmija ġenituri, tistax titqies li tiggarantixxi lil dawn il-vittmi kumpens "ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80.

57 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fid-dawl, minn naħa, tal-marġni ta' evalwazzjoni rrikonoxxut lill-Istati Membri minn din id-dispożizzjoni f'dak li jirrigwarda kemm in-natura "ġusta u xierqa" tal-ammont tal-kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti kif ukoll il-modalitajiet ta' determinazzjoni ta' tali kumpens u, min-naħa l-oħra, tan-neċessità li tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-iskemi nazzjonali ta' kumpens, il-kumpens imsemmi fl-imsemmija dispożizzjoni ma għandux neċessarjament jikkorrispondi għad-danni li jistgħu jingħataw, mill-awtur ta' reat li jaqa' taħt il-kriminalità intenzjonali vjolenti, lill-vittma ta' dan ir-reat. Konsegwentement, dan

il-kumpens ma għandux neċessarjament jiżgura kumpens sħiħ għad-dannu materjali u morali mġarrab minn din il-vittma (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punti 58 sa 60).

58 F'dan il-kuntest, fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li stabbilixxew l-iskema ta' kumpens ikkonċernata, li s-somma allokata lil vittma ta' kriminalità intenzjonali vjolenti bis-saħħa ta' din l-iskema tikkostitwixxi "kumpens ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punt 61).

59 Madankollu, Stat Membru jmur lil hinn mill-marġni ta' evalwazzjoni mogħti minn din id-dispożizzjoni jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu jkunu jipprevedu kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti purament simboliku jew manifestament insuffiċjenti fid-dawl tal-gravità tal-konsegwenzi, għal dawn il-vittmi, tar-reat imwettaq (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punt 63).

60 Fil-fatt, peress li l-kumpens mogħti lil tali vittmi jirrappreżenta kontribuzzjoni għall-kumpens għad-dannu materjali u morali mġarrab minnhom, tali kontribuzzjoni tista' titqies li hija "ġusta u xierqa" biss jekk tkun tikkumpensa, b'mod adegwat, it-tbatija li ġew esposti għaliha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punt 64).

61 Konsegwentement, għalkemm din il-kontribuzzjoni tista' tirriżulta minn skema nazzjonali li tipprevedi kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li tista' tvarja skont in-natura tal-vjolenza mġarrba, l-iskala tal-kumpens għandha madankollu tkun iddettaljata biżżejjed, b'mod li jiġi evitat li l-kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa previst għal tip ta' vjolenza partikolari jista' jirriżulta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' każ partikolari, manifestament insuffiċjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punti 65 sa 66).

62 Fit-tieni lok, kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa mogħti lill-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti għandu, sabiex jiġi kklassifikat bħala "ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, jiġi stabbilit b'teħid inkunsiderazzjoni tal-gravità tal-konsegwenzi, għall-vittmi, tar-reat imwettaq u għalhekk, jirrappreżenta kontribuzzjoni xierqa bħala kumpens għad-dannu materjali u morali mġarrab (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Presidenza del Consiglio dei Ministri, C-129/19, EU:C:2020:566, punt 69).

63 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-Istati Membri jistgħu, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' evalwazzjoni li huma għandhom, jiddeċiedu, bħalma għamlet ir-Repubblika Taljana f'din il-kawża, li jistabbilixxu skema nazzjonali ta' kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li tillimita l-benefiċċju ta' din l-iskema għall-membri tal-familja viċini tal-persuna mejta, filwaqt li jagħtu, barra minn hekk, prijorità lil uħud minn dawn il-membri, bħalma huma l-konjuġi superstiti u l-ulied, fuq membri oħra ta' din il-familja, bħalma huma l-ġenituri kif ukoll l-aħwa.

64 Tali approċċ "f'kaskata" jikkorrispondi, barra minn hekk, għal dak espliċitament imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2012/29, li jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri intiżi sabiex jillimitaw in-numru ta' membri tal-familja li jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet stabbiliti f'din id-direttiva, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet ta' kull każ.

65 Madankollu, skema nazzjonali ta' kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti ma tistax, skont il-loġika tat-trasferiment tas-suċċessjoni, teskludi b'mod awtomatiku lil ċerti membri tal-familja mill-benefiċċju ta' kull kumpens għas-sempliċi fatt li jeżistu membri oħra tal-familja, mingħajr ma jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi oħra minbarra din l-ordni ta' trasferiment, bħal, b'mod partikolari, il-konsegwenzi materjali li jirriżultaw, għal dawn il-membri tal-familja, minħabba l-mewt b'omiċidju tal-persuna kkonċernata jew il-fatt li l-imsemmija membri kienu dipendenti fuq il-persuna mejta jew kienu jikkoabitaw magħha. Tali skema nazzjonali ta' kumpens ma tiħux inkunsiderazzjoni, fil-fatt, bi ksur tar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 60u 62ta' din is-sentenza, it-tbatija u l-gravità tal-konsegwenzi tar-reat għalihom u, għaldaqstant, ma tikkontribwixxix b'mod xieraq għall-kumpens għad-dannu materjali u morali tagħhom.

66 B'mod partikolari, il-fatt li ċerti membri tal-familja jiġu mċaħħda minn kull kumpens għandu jitqies li huwa irrikonċiljabbli ma' tali rekwiżiti meta, bħal fil-kawża prinċipali, qorti kriminali tkun ordnat il-ħlas ta' kumpens għad-danni lil dawn il-membri tal-familja, li barra minn hekk ma humiex negliġibbli, għad-dannu mġarrab minħabba l-mewt tal-persuna li kienet suġġetta għall-kriminalità intenzjonali vjolenti, iżda li l-awtur tar-reat ma jkunx f'pożizzjoni, minħabba l-insolvenza tiegħu, li jħallas huwa stess dawn id-danni.

67 Minn dan isegwi, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħu, li skema nazzjonali ta' kumpens tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha jiġu esklużi vittmi mingħajr ebda kunsiderazzjoni tal-portata tad-danni tagħhom, minħabba ordni ta' prijorità ddefinit minn qabel bejn il-vittmi differenti li jkollhom dritt għal kumpens, u bbażata biss fuq in-natura tar-rabtiet familjari, li minnhom jinsiltu sempliċi preżunzjonijiet dwar l-eżistenza jew l-importanza tad-danni, ma tistax twassal għal '"kumpens ġust u xieraq", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80.

68 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi skema ta' kumpens tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li tissuġġetta, fil-każ ta' omiċidju, id-dritt għall-kumpens tal-ġenituri tal-persuna mejta għall-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied ta' din tal-aħħar u d-dritt għall-kumpens ta' ħutha għall-assenza tal-imsemmija ġenituri.

Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kupens għal vittmi ta' delitti,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi skema ta' kumpens tal-kriminalità intenzjonali vjolenti li tissuġġetta, fil-każ ta' omiċidju, id-dritt għall-kumpens tal-ġenituri tal-persuna mejta għall-assenza ta' konjuġi superstiti u ta' wlied ta' din tal-aħħar u d-dritt għall-kumpens ta' ħutha, għall-assenza tal-imsemmija ġenituri.

Firem